MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 40 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 17 ta Marzu 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku B'Buġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku ta' Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku tal-Ħamrun Christian Sammut

Sindku ta' Marsaxlokk Steven Grech

Sindku tal-Gudja Karl Boxall

Sindku tal-Marsa Luke Farrugia

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**40.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**40.1.1** Il-Kunsill Reġjonali rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Sindki ta' Marsaxlokk, Ħamrun, Marsa u Għaxaq

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**40.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' disa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**40.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Joan Agius il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**40.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**40.2.3.1** Il-President qal li tender tal-Binja wasal fl-aħħar fażi ta' l-evalwazzjoni, qed jistennew il-verifiki tal-Perit u l-Inġinier

**40.2.3.2** Il-President fakkar lil Kunsilli li għadhom ma rispondewx sabiex jikkonfermaw jew le jekk hux ser inkunu parti mit-tender.

**40.2.3.3** Il-President informa li kwiżż ta' tfal li Reġjun qed jorganiżża ġo l-iskejjel, football nurseries u scouts beda fl-iskola Primarja tal-Gudja u Ħal-Luqa. Għal l-ewwel sessjoni attendiet li saret fil-Primarja tal-Gudja, Ono. Segretarju Parl. Alison Zerafa Civelli, Sindku tal-Gudja Romeo Baldacchino, il-Direttur Ġenerali Emil Vassallo, Segretarju Ezekuttiv ta' Reġjun u Segretarju Ezekuttiv tal-Gudja, kif ukoll il-Prinċipal tal-Kulleġġ u il-Headmistress ta' l-iskola. Il-parteċipazzjoni kienet inkoraġġanti b'madwar 29 student. Huwa tenna li sessjonijiet li jmiss ser jitkomplu fil-ġimgħat li ġejjien u prezenta il-lista ta' meta ser issiru.Il-kunċett ta' dan il-kwizz ġie mill-quħ mid-DLG u hemm il-ħsieb li sessjoni finali issir waqt l-EXPO ta' serviżż pubbliku.

**40.2.3.4** Il-President informa li ser issir laqgħa online relatat ma sħubija f' proġett ESPON-VREPO Air Pollution Modelling. Għal din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti Dr Liam Sciberras li huwa ukoll espert fuq suġġetti ambjentali. Dan il-proġett qed jiġi kordinat mill-Maniġer ta' Reġjun responsabbli mil-ambjent. Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo espremit ix-xewqa li tkun preżenti waqt il-laqgħa minħabba li Kunsill ta' Ħal Qormi kien qiegħed jaħdem fuq proġett simili. Ġie maqbul li ser nikomunikaw sabiex nibgħatula id-detalji

**40.2.3.5** Il-President qal li l-attivita Tiġrija ta' żwiemel -Reġjun Nofsinhar għat tielet sena kienet ta' suċċess. Din darba iż-żiemel rebbieħ kien jirrappreżenta lil lokalita ta' Ħal-Luqa.

**40.2.3.6** Il-President informa li f'dawn l-aħħar jiem saret wkoll sessjonijiet ta' l-Art for Active Ageing. Dawn is-sessjonijiet ġew xprunati min konferenza stampa saret fil-Day Center tal -Ħamrun wara li sar l- iffirmar ta' ftehim ma Dipartiment Anzjanità Attiva. Din l-

attivita attenda il-Viċi President Mario Calleja minħabba li huwa kien imsiefer fuq impenji ta' l-AKL.

**40.3 Komunikazzjoni mill-president**

40.3.1 Il-President qal li Diviżjoni ta' l-istrateġija u l-implimentazzjoni nfurmat li kienet se ġedded li skema tal-Uffiċjal ingaġġat mil-kura ta' l-annimali. Il-Kunsill irringrazzja li diviżjoni ta' din l-għajnuna

40.3.2 Il-President informa li Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ħareġ il-permess sabiex tinħareġ is-sejħa għal tlett uffiċjali maniġerjali.

40.3.3 Il-President għamel referenza għal l-ilmenti ta' l-iskart, fejn talab sabiex kemm jista' jkun l-ilmenti jiġu ċċekkjati li veru hemm skart mhux miġbur sabiex jiġi evitat li kuntrattur immur fuq il-post għalxejn. Preferibbilment l-ilmenti ikunu akkumpanjati mir-ritratti. Huwa informa li hemm possibbiltà li tinħadem App sabiex l-ilmenti jagħdu b'mod iktar faċli. Il-President sostna li bħala pass pożittiv jidher li f'xahar ta' Jannar naqqsu l-ammonti tal-borża sewda, qed issiru spot checks min Maniġer ta' Reġjun u qed jinħarġu iktar multi għal dawk li jabbużaw. Rigward il-ħlasijiet xi tlett kunsilli biss għadhom ma ħallsux kollox, issa hekk kif kollox jiġi b'mod regolari, il-Kunsill Reġjonali se jaħseb f'sistema sabiex dawk il-Kunsilli li jitnaqqsu li spiża ta' tipping fees jgawdi min-skema li titħabbar iktar il-quddiem.

**40.4 Skeda ta' Pagamenti;**

40.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

40.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Charlo Mifsud u sekondat Kunsillier Elke Cassar Sghendo, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**40.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti

**40.6 Item: Ħatra ta' Bord għal l-ingaġġ tal-uffiċjali maniġerjali**

Il-President informa li fil-jiem li ġejjin kienet ser tinħareġ is-sejħa għal Uffiċjali Maniġerjali, għalhekk qed jitlob lil Kunsill sabiex jaħtar Bord għal intervisti tal-persuni li applikaw għal dan rwol. Il-Sindki u Kunsilliera presenti pproponew tlett membri tal-Kunsill Reġjonali Nofsinhar. Sabiex tiġi segwita reġoli ta' riżorsi umani, l-ismijiet tal-membri ta' dan il-Bord mhux ser jitnizzlu fil-minuti.

Il-Kunsill approva il-membri tal-Bord.

**40.7 Affarijiet Oħra**

**40.7.1** Illi membri preżenti għamlu referenza għal kommunikazzjoni li ntbagħtet mill-AKL rigward jekk il-Kunsilli humiex interessati jagħtu servizz sabiex il-pubbliku jiġbor l-ID card u jħallas il-kontijiet ta' WSC. Kien hemm qbil li kunċett li Kunsill joffri servizz huwa tajjeb imma hemm bżonn iktar assistenza u sigurtà fil-kunsilli sabiex ikunu jistaw jagħtu dan is-servizz

**40.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**40.8.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal it-Tnejn 14 ta' April 2025

Konfermati llum 14 ta' April 2025____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv